SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 21/K10/25**

Data tal-laqgħa: 17 ta' Settembru 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

21.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**21.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

21.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 19/K10/25.

21.2.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona l-Minuti.

21.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekonda.

21.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

21.2.05 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 20/K10/25.

21.2.06 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet il-Minuti.

21.2.07 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondat.

21.2.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**21.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

21.3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6593 sa' 6611 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

21.3.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

21.3.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekonda fl-approvazzjoni.

**21.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

21.4.01 Fir-rigward is-servizz li ser jibda jingħata mill-Kunsilli dwar il-pagamenti tal-ARMS, dwar l-kwistjoni tal-Kumissjoni Elettorali dwar l-art ma' Pembroke kif ukoll dwar il-programm fuq it-TVM, iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li għadu ma rċieva l-ebda risposta.

21.4.02 Ic-Ċermen ressaq l-MOUs dwar l-latrini pubbliċi u t-tindif tat-toroq, u wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-MOU dwar it-tindif tat-toroq għandu jiġi rranġat u għandha terga tintbagħat kopja lill-Kunsilliera wara li dan jiġi rranġat.

21.4.03 Iċ-Ċermen informa li latrina pubblika ta Spinola lesta, però issuġġerixxa li din ma tinftehax qabel ma jkollna l-attendant full-time. Kien hemm ftehiem unanimu fuq dan il-punt. Il-ħlas sabiex din il-latrina ġiet rranġata ser ikun qed issir bejn TZRA u MTA.

21.4.04 Ic-Ċermen nforma li l-ittri lill-Zammit Clapp, Sacred Heart School, u Casa Leone fir-rigward il-hornets ntbagħatu. Il-Kunsillier Carlo Mifsud talab li jitwaħħal barmil għal-hornets fl-area ta' Triq Patrick Brydone minħabba li qed ikun hemm ammont kbir ta' hornets.

21.4.05 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li fir-rigward it-tpinġija ta taħt l-arkati tal-Balluta kif ukoll dwar il-binja antika ta' Triq Forrest, il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand Farsons.

21.4.06 Ic-Ċermen informa li saret laqgħa mal-kuntratturi u Periti tal-Works Department u ġew nfurmati li x-xogħolijiet go Triq il-Baltiku u Triq il-Karmelitani ser jibdew dalwaqt.

21.4.07 Iċ-Ċermen informa li bi ftehim bejn il-Kunsilliera David Caruana u Carlo Mifsud mil-lum ser ikunu qed jibdlu ir-responsabbiltajiet tagħhom, jiġifieri, il-Kunsillier David Caruana isir responsabbli mill-*Business Communities* u Turiżmu filwaqt li l-Kunsillier Carlo Mifsud isir responsabbli mill-isport u edukazzjoni fiżika.

21.4.08 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci wasal fil-5.10p.m.

21.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera dwar l-iżvilupp tal-proġett tal-European Week of Sports.

21.4.10 Iċ-Ċermen u s-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni dwar il-laqgħa li saret ma' Traffic Management fejn ġew infurmati li qed isir studju mit-Traffic Management dwar it-traffiku li jibda minn Triq il-Baltiku sa' Triq Sant'Andrija viċin il-*lights*.

21.4.11 Dwar it-tabella ta' diversi *law enforcements* fil-lokalita' ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel it-tabella bħal tar-Reġjun Tramuntana però l-Kunsill qabel li m'għandux ikun hemm multi imniżlin.

21.4.12 Il-Kunsillier Carlo Mifsud informa lill-Kunsill li l-attività li kellha tiġi organiżżata minn San Giljan Aquatic Sports Club, li kien talab permess għaliha fid-daħla tat-Tigulio mhux ser issir.

21.4.13 Il-Kunsillier Carlo Mifsud reġa' ressaq il-punt dwar id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Siġra, u ġie deċiż li għandha ssir laqgħa għar-residenti tal-imsemmija toroq.

21.4.14 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġie skużat fil-5.30p.m.

21.4.15 Dwar l-arkata tal-Westin, il-Kunsilliera ġew nfurmati li sar kuntatt mal-periti ikkonċernati u ġejna nfurmati li l-periti qed jitkellmu mal-propjetarji.

21.4.16 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ntbagħtet email lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward il-ħruġ tat-tender tad-dawl madanakollu l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta.

21.4.17 Iċ-Ċermen qara email lill-Kunsilliera li ntbghatet lill Project Green dwar il-Ġnien Ta' Giorni kif ukoll nforma lill-Kunsilliera li kull min imur ikellem lill-ħaddiema tal-Project Green fir-rigward il-Ġnien ta' Ġiorni m'għandux imur jitkellem f'isem il-Kunsill jew bħala Kunsillier iżda għandu jmur personali.

21.4.18 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera dwar il-proġett Kumpless Dun Anton Sciberras u dwar il-laqgħa li kien hemm mal-perit tal-Kunsill dwar dan il-proġett. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit għandu jagħti l-istimi kif ukoll il-pjanti l-ġodda ta' kif qed jipproponi li jiġi l-Kumpless. Il-Kunsillier David Caruana nforma lill-Kunsill li hu ma jaqbilx li fil-proġett għandha ssir pixxina. Wara diskussjoni c-Ċermen issospenda din l-materja u ser tkun qed terga tiġi diskussa waqt laqgħa oħra.

21.4.19 Dwar iż-żjara f'Kunszentmiklós ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li għal din iż-żjara attendew hu bħala s-Sindku, l-Viċi-Sindku Sean Gauci, l-Kunsillier David Caruana kif ukoll l-Assistant Prinċipal Marilyn Demanuele. Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera wkoll li ser tkun qed issir laqgħa mar-rappreżentanta ta' Focus Europe sabiex l-Kunsill jiċċekkja jekk hemmx xi proġetti tal-Unjoni Ewropea li l-Kunsill jista' japplika għalihom flimkien ma' Kunszentmiklós.

21.4.20 Iċ-Ċermen irringrazzja lill-Kunsilliera kif ukoll lill-istaff tal-għajnuna li taw waqt il-festa ta' San Giljan u nforma lill-Kunsill li din kienet ta suċċess.

21.4.21 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ikla flimkien mal-eks Segretarju Eżekuttiv s-Sur Malcolm Agius Muscat saret u ġew preżentati xi rigali.

21.4.22 Ic-Ċermen nforma li l-Beachfest kienet attività ta' suċċess kif ukoll irringrazzja lill kull min ta' sehem tiegħu waqt din l-attività. Ġibed l-attenzjoni ukoll li jekk din l-attività terġa ssir is-sena d-dieħla din għandha ssir fl-ewwel ġimgħa t'Awwissu filwaqt li għandhom isiru aktar riklami anki fuq il-medja soċjali.

21.4.23 Ic-Ċermen informa li l-familjari ta' Karl Gouder aċċettaw li tissemma it-triq ġdida fi Trejqet il-Bajja u saret l-applikazzjoni neċessarja.

21.4.24 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ATM tal-HSBC fil-Balluta saret.

21.4.25 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li l-ittri tal-iswimming zones u tal-art privata fi Triq ta' Giorni ntbagħat.

21.4.26 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li t-Transport tal-Balluta gie mġedded sal-ahhar ta' Settembru.

***21.5 Talba għal-kumpens rigward inċident fi Triq Birkirkara (Każ 8/2025)***

21.5.01 Iċ-Ċermen ressaq talba għal-kumpens rigward inċident fi Triq B'Kara.

21.5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jimxi fuq il-parir tal-Avukata.

21.5.03 Il-Kunsill qabel dwar din il-materja.

***21.6 Talbiet żgħar:***

**21.06.01 Email dwar Installation of flood monitoring station at St. Julian's;**

21.06.01.01 Ic-Ċermen ressaq email li l-Kunsill irċieva dwar il-Flood Monitoring u l-Kunsill ġie nfurmat li ser issir tintalab li ssir laqgħa miegħu.

**21.06.02 Email dwar event Project – Rugby No Limit;**

21.06.02.01 Dwar l-email fir-rigward l-attività Rugby No Limit, il-Kunsill ġie nfurmat li l-persuna kkonċernata ntalbet li tagħmel kuntatt mas-Sindku però s'issa dan għadu ma sarx.

**21.06.03 Email mingħand impjegat tal-Kunsill li rritornat lura għax-xogħol;**

21.06.03.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-impjegata li kienet fuq leave ta' responsabiltà talbet li tidħol lura għax-xogħol qabel iż-żmien stipulat u din it-talba ġiet aċċetata minħabba li l-amministrazzjoni għandha nuqqas ta staff. Hi talbet ukoll li l-aħħar ġimgħa tittieħed bħala *sick leave* minħabba li għamlet operazzjoni u fuq parir tad-DIER din it-talba ġiet aċċettata.

**21.06.04 Email mingħand il-Cleansing Maintenance & Department dwar Street sweeping MOU.**

21.06.04.01 Din il-materja ġiet diskussa aktar qabel.

**21.06.05 Email dwar talba għal-permess għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' San Giljan WPC;**

21.06.05.01 Fir-rigward il-talba l-Kunsill ġie nfurmat aktar qabel li din l-attività ġiet kanċellata.

**21.06.06 Ċirkulari dwar it-tiġdid tal-karti tal-Identità;**

21.06.06.01 Iċ-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsilliera c-ċirkulari fir-rigward it-tiġdid tal-karti tal-identità, fejn wara li nqrat l-Kunsill ġie nfurmat li ser tkun qed tintbagħat email fejn jiġu nfurmati bil-hinijiet tal-uffiċċju amministrattiv peress li dawn ma jaqblux ma dawk li hemm miktubin fuq ic-ċirkulari.

**21.06.07 Talba għal permess għal filming fil-Bajja ta' San Ġorġ;**

21.06.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li qabel jinħargu l-permessi kollha neċessarji nkluż dawk tal-Pulizija u l-Awtorità tat-Turiżmu.

**21.06.08 Email mingħand ir-Regjun Lvant dwar l-kuntratt tal-iskart;**

21.06.08.01 Inqrat għal-attenzjoni tal-Kunsill email dwar il-kuntratt tal-iskart u ġie deċiż li għandha tintbagħat kopja lill-Kunsilliera kolla.

**21.7 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

21.7.01 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa dwar ix-xogħolijiet fuq il-bankini u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill dwar il-proċess li għaddej mal-BCA. Wara mistoqsija mill-Kunsillier Amaira, ċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-bankina ta Triq Wied Għomor fuq il-bankina li twaħħlu strippi apposta biex ma tizloqx. Il-Kunsillier Amaira staqsa ukoll dwar iz-zebra crossings ta' Triq Birkirkara, ħdejn l-ALM Garage, tal-Balluta ta' ħdejn il-latrina pubblika kif ukoll ta' Triq San Ġorġ hdejn ir-Rusty Pub u ġie nfurmat li ser terga tintbagħat reminder sabiex issir laqgħa fir-rigward il-beacon lights tal-lokalita'.

Dwar it-tindif ta' Xatt is-Sajjieda, s-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mas-Surġent tal-Pulizija u l-ħaddiem tal-Kunsill għandu jmur jwahhal it tabelli s sofor mad-dgħajjes sabiex dawn jitneħħew.

Il-Kunsillier Amaira ġibed l-attenzjoni ukoll li t-tabelli ta' No Heavy Vechiles fit-toroq id-dojoq tal-lokalita' għadhom ma sarux filwaqt li l-*cobbles* ta' Triq Sant'Anglu huma mifqugħin.

Wara mistoqsija mill-Kunsillier Mario Amaira, c-Ċermen nforma lill-Kunsill li s-siġra li tinsab fi Triq iż-Żebbug ser tinqata dalwaqt minħabba li l-Kunsill diġà għamel kuntatt mas-sid.

Dwar il-bozza ta' Trejqet Grenfel, il-Kunsillier Amaira gie nfurmat li l-Kunsill ser jerġa jipprova jagħmel kuntatt mar-residenti sabiex jinstab post fejn għandha teħel il-bozza l-ġdida. Filwaqt li ġibed l-attenzjoni ta' bozza mal-hajt li ilha maqtugħa fi Triq Sir Joseph Carbone.

Fir-rigward il-bust ta' Dun Anton Sciberras, il-Kunsillier Mario Amaira bagħat il-qisien tal-bust u gie deċiż li dan il-bust għandu jinkixef għal April, sabiex ikun ix-xahar ta' meta twieled.

21.7.02 Il-Kunsillier David Caruana ppropona u ġie deċiż li l-bankijiet li jinsabu fi Triq ta' Giorni għandhom jinżebgħu sabiex jsir *upgrading* tagħhom.

Il-Kunsillier David Caruana staqsa fuq is-sitwazzjoni tac-CCTV's, kif ukoll fuq it-tender tal-*Housing* f'ta' Giorni fejn is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet tat spjegazzjoni ta' xi żvilupp sar. Fir-rigward Triq il-Fraxxnu, l-Kunsillier Caruana talab li tintbagħat reminder lit-Transport Malta kif ukoll ressaq il-punt li s-siġra hdejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni tinsab perikoluża minħabba li hemm il-wires tal-Enemalta għaddejjin minn ġo fiha. Għalhekk gie deċiż li għandha tintbagħat ittra kemm lill-Enemalta kif ukoll lil ERA.

Fir-rigward il-Ġnien Spinola, l-Kunsillier David Caruana talab kopja tal-pjanti tal-istess ġnien li kienu saru mill-Perit Taljan madanakollu ġie nfurmat li dawn il-pjanti ġew rritornati lura lil istess Perit. Il-Kunsillier Caruana ppropona ukoll li għandu jitneħħa l-perimiter u l-ħadid tal-istess ġnien. Ic-Ċermen rrisponda li għalissa sakemm tittieħed deċiżjoni x'ser isir fuq il-ġnien, m'għandu jitmiss xejn.

21.7.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri, li hi rappreżentanta tal-BELK, nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha magħhom u li ntazlet ukoll għal żjara ġewwa Brussell bejn it-22 u 24 t'Ottubru 2025.

Hi nfurmat lill Kunsill ukoll li marret għal-konferenza tad-Digital Summit, u tat informazzjoni lill-Kunsill dwar xi *courses* li jistgħu jsiru. Il-Kunsilliera Camilleri attendiet ukoll DHubMT u gie deċiż li ssir laqgħa ma Inventa3D biex l-Kunsill ikollu aktar informazzjoni x'joffru. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa mal-FITA dwar is-servizz tagħhom.

21.7.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta mingħand ir-Reġjun Lvant fir-rigward il-proġett tal-moss u gie nfurmat li għandha ma ntbagħtet l-ebda risposta. Il-Kunsillier Borg Ferrando staqsa wkoll dwar il-maratona ta' Karl Gouder u c-Ċermen nfurmah u li ser ikun qed jagħmel kuntatt mal-Kunsillier Carlo Mifsud bħala l-Kunsillier responsabbli mill-isport u mal-persuni nkarigati mill-maratoni.

Fir-rigward il-bozza l-ġdida ta' Triq Bonavita, l-Kunsillier Borg Ferrando gie nfurmat li ser ikun qed jerga jsir kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat.

Ic-Ċermen nforma lill-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando dwar il-Ġnien Saver Zarb kif ukoll ingħata spjegazzjoni dwar il-proċess tat-tender tal-playground ta' ħdejn Ġnien Saver Zarb.

21.7.05 Il-Kunsillier Victor Vella staqsa dwar il-bankini ta Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira u ċ-Ċermen nfurmah li għaddej il-proċess min naħa tal-Infrastructure Malta filwaqt li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta dwar din il-materja.

Dwar it-tħaffir tat-toroq, iċ-Ċermen nfurmah li fl-aħħar ta Settembru ser jibdew bid-drenaġġ eċċ u wara jingħata t tarmak tat-toroq kollha.

Il-Kunsillier Vella nforma lill Kunsill li waqt il-beachfest, il-profs Dr. Mark Xuereb nfurmah li jixtieq jagħmel laqgħa dwar il-*Mental Health* għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt magħhom.

21.7.06 Il-Viċi Sindku Sean Gauci staqsa jekk Triq William Prescott jistgħux jitwaħlu l-hornet tramps, filwaqt li fir-rigward l-crash barriers ta Triq Mikielanġ Cagiano ressaq il-punt li għandhom ma sarux. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tkun qed terga tagħmel kuntatt mal-Perit konċernata.

**21.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

21.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 10 t'Ottubru 2025 fl-5.00p.m.

21.8.02 Il-laqgħa ntemmet 7.55p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 10 t'Ottubru 2025**

Two not three public convience

To add: jekk ix-xoghol ma jsirx il-Kunsill jista jittermina l-kuntratt.

To check point re overtime ghax ahna ma nistawx nhalsu overtime u l-attendance sheet jgibuha darba fil-gimgha.

Tracker ser ikolom?

PRS – tabella hdejn ir-railing il-gdid ftit il-fuq mill-Cavallieri tas-slippery.